IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum it-27 ta' Novembru, 2024

Rikors numru: BCT/60/2024

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sersero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Amabile Camilleri

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-appell ta' Amabile Camilleri fejn giet ikkontestata d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 24 ta' Settembru, 2024 li permezz taghha l-istess Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) in vista ta' ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 stante "*nuqqas ta' gheluq taz-zona fejn qed isir ix-xoghol b'materjal li jimblokka l-hrug ta' trab*". Permezz ta' tali appell jitressqu s-segwenti aggravji:

i. *Illi mhux qed isir xoghol fis-sit in kwistjoni u allura certament li mhux il-kaz li kien qed jigi generat xi trab.*
ii. *Illi f'kull kaz, stante li ma kien hemm xejn minn dan, certament li l-Appellant ma jistax jities li kiser ir-Regolamenti 623.08*

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi ndipendentement jekk kienx hemm xoghol jew le, l-aperturi jridu dejjem jkunu moghtija (sic) b'tali mod li ma johrogx trab mis-sit ta' kostruzzjoni. Hekk kif jidher mill-anness 'trail of event'(immarkata bhala Dok A) u ritratti (immarkati bhala Dok B), s-sit in kwistjoni ma kellu l-ebda ilqugh mal-aperturi*

3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Sema' x-xhieda ta' Sean Mizzi waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru, 2024.

Ra d-dokumenti ezebiti u d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluqa waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru, 2024 meta sema' t-trattazzjoni tad-difensur tal-appellanti.

Ra wkoll l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-Awtorita` qed takkuza lill-appellant bi "*Nuqqas ta'gheluq taz-zona fejn qed isir ix-xoghol b'materjal l jimblokka l-hrug ta' trab*", dana allegatament bi ksur tal-LS 623.08. Filwaqt li bl-appell tieghu l-appellanti jikkontendi li la ma kienx hemm xoghol ghaddej u kwindi lanqas ma kien qed jigi generat trab, huwa jikkontendi li ma setax jinsab hati ghal tali nuqqas – dana anke ghaliex ma seta' jigi riskontrat, fil-fehma tieghu, ebda nuqqas fuq is-sit.

Da parti taghha l-Awtorita` tikkontendi li, irrispettivamen minn jekk hemmx xoghol ghaddej jew le, l-aperturi xorta wahda jridu jkunu dejjem mghottija biex ma jithalliex johrog trab mis-sit.

L-Awtorita` prezentata *trail of event* minn fejn jirrizulta li l-penali inharget wara email datata 17 ta' Settembru, 2024 li ntbaghtet lill-appellanti bi struzzjonijiet "*To cover all apertures*". Minn tali dokument jidher li dawn l-istruzzjonijiet gew imtennija anke wara l-hrug tal-penali imma l-Awtorita` prezentat biss l-ewwel email datata 17 ta'Settembru, 2024. Gew prezentati wkoll ritratti datata 24 ta'Settembru, 2024 minn fejn jidhru ghadd ta'aparturi miftuhin. Ir-ritratti ma jindikawx trab u ma jaghtu ebda indikazzjoni ta'xoghol ghaddej fuq is-sit. Dawn ir-ritratti hadhom rapprezentant tal-Awtorita` Sean Mizzi li f'dawn il-proceduri xehed li, fil-fatt, sab aperturi mifuhin fuq is-sit, ikkonferma "*li nies ma sibtx u nikkonferma li jiena trab ma rajtx*". Mistoqsi sabiex jiddikjara abbazi ta' liema disposizzjoni legali nharget il-penali l-istess xhud ma setax iwiegeb imma stqarr li "*n-nuqqas li sibna kien jirreferi ghal nuqqas ta' gheluq ta' zona fejn qed isir xoghol bit-trab*", dana minkejja li huwa stess ikkonferma li trab fuq is-sit ma rax u lanqas ma ra xoghol ghaddej.

Illi t-Tribunal fela bir-reqqa l-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 biex jiddetermina abbazi liema disposizzjoni partikulari (wahda jew iktar minn wahda) kienet inharget il-penali amministrattiva odjerna. It-Tribunal jemmen li jkun opportun li l-Awtorita` tibda tindika fis-sentenzi taghha id-disposizzjonijiet partikulari li abbazi taghhom tkun qed tigi imposta il-penali jew tkun ittiehdet kull mizura necessarja u dana lilhinn minn semplici indikazzjoni generika ta' Legislazzjoni Sussidjarja. It-Tribunal jemmen li m'ghandux ikun il-kompitu tal-persuna li lilha jigi imputat l-att li jwassal ghad-decizjoni appellata li toqghod tfittex fil-ligi sabiex tiddetermina jekk tezistix jew le xi disposizzjoni li tiggustifika l-azzjoni amministrattiva mehuda fil-konfront taghha. Wisq anqas ghandu jkun il-kompitu tat-Tribunal li jdur il-ligi sabiex jipprova jsib xi disposizzjoni li tista' talvolta tiggustifika l-azzjoni mehuda mill-Awtorita`. It-Tribunal jinnota li ghalkemm fir-risposta ghall-appell odjern l-Awtorita` ddikjarat li "*ndipendentement jekk kienx hemm xoghol jew le, l-aperturi jridu dejjem jkunu moghtija (sic) b'tali mod li ma johrogx trab mis-sit ta' kostruzzjoni*" hija baqghet qatt ma sostniet din il-posizzjoni taghha b'referenza ghal xi disposizzjoni legali partikulari u, fil-fatt, la indikat ebda disposizzjoni fir-risposta taghha u lanqas matul il-kors tal-appell odjern.

Illi fil-kaz in ezami, kif inghad, l-Awtorita` illimitat ruhha filli semplicement taghmel referenza generika ghal-LS 623.08.

Illi, kif inghad, it-Tribunal fela bir-reqqa l-istess Legislazzjoni Sussidjarja u ma seta jsib imkien xi disposizzjoni legali li tezigi l-gheluq ta' aperturi f'kull hin, irrispettivament minn kundizzjonijiet ohrajn. Minflok, irrizultaw is-segwenti disposizzjonijiet li t-Tribunal iqis li setghu kienu relevanti ghall-kaz odjern:

IT-TIENI SKEDA
(Regolamenti 6 u 9)
Stekkat għal bini ta' inqas minn seba' (7) metri għoli.
1. Għal kwalunkwe bini li ma jeċċedix is-seba' metri (7m) għoli mil-livell tat-triq, għandu jkun mandatorju li jitella stekkat magħmul minn materjal riġidu xieraq li huwa maqtugħ u indipendenti mill-binja nnifisha sa għoli ta' tliet (3) metri. L-istekkat għandu jiġi disinjat b'manjiera li jagħlaq is-sit u jipproteġi ż-żoni adjaċenti mill-ħruġ ta' trab u minn materjali li jistgħu jaqgħu mis-sit.Stekkat għal bini li hu aktar minn seba' (7) metri għoli.
2. Għal kwalunkwe bini li jeċċedi is-seba' (7) metri għoli mil-livell tat-triq, għandu jkun mandatarju li jitella' stekkat magħmul minn materjal riġidu xieraq sat-tul l-għoli kollu tal-bini. Fin-nuqqas ta' kodiċi ta' prattika nazzjonali approvat mill-awtorità kompetenti, tali stekkat għandu jkun iddisjant b'manjiera li jagħlaq is-sit kompletament u jipproteġi ż-żoni adjaċenti mill-ħruġ ta' trab u minn materjali li jistgħu jaqgħu mis-sit:
Iżda għal bini li jilħaq jew jeċċedi l-ħamsa u għoxrin (25) metru, bħala alternattiva għal stekkat tul l-għoli kollu, jista' jintuża stekkat li jilħaq sa ħamsa u għoxrin (25) metru u minn ħamsa u għoxrin (25) metru 'il fuq kull tieqa jew ftuħ ta' bieb ta' gallarija għandhom ikunu barrikati sabiex jipprevenu l-ħruġ tat-trab. Għal siti irtirati mit-triq, semi-detached jew detached, tali stekkat għandu jagħlaq is-sit kollu. Bħala minimu, l-istekkat għandu jitella' b'manjiera li jiġi żgurat li dan jestendi minn ta' l-inqas metru 'l fuq mill-ogħla sular fis-sit, meta mkejjel fil-pjan vertikali.

Madanakollu ma jidhirx li l-ilment tal-Awtorita` jirreferi ghan-nuqqas ta' stekkat kif imfisser hawn fuq. Dan jirrizulta car mhux biss mid-decizjoni appellata imma wkoll mill-email

imsemmija fejn l-azzjoni immedjata mehtiega mill-Awtorita` ma kienx dak li jittella stekkat (hoarding) in linea mas-surreferit imma semplicement li jinghalqu l-aperturi (fil-fehma tar-rapprezentant taghha, biex ikun hemm "*gheluq ta' zona fejn qed isir ix-xoghol bit-trab*"). Is-surreferit ukoll titlob li t-twieqi u ftuh ghandhom ikunu barrikati sabiex jipprevjenu l-hrug tat-trab, pero` dan alternattivament ghal stekkat gholi fuq diskrezzjoni tal-istess applikant. Jigi nutat li d-decizjoni appellata la taghmel referenza ghall-istekkat u lanqas ma tirreferi ghall-gholi tal-bini li f'dan il-kaz seta' kien wiehed relevanti ghad-decizjoni mehuda. Fi kwalunkwe kaz huwa car li l-gheluq permess f'certu gholi (alternattivament ghall-istekkat) kellu xorta wahda jkun stallat sabiex jipprevjeni l-hrug ta' trab u f'dan il-kaz prova ta' hrug ta' trab ma saritx.

Ulterjorment ir-Reg 2 u, b'mod partikulari, r-Reg 3, tat-Tielet Skeda li jipprovdi s-segwenti:

> *2. L-ebda persuna m'għandha tagħmel kwalunkwe xogħlijiet mingħajr ma tieħu l-miżuri li ġejjin sabiex jikkontrollaw l-emissjoni tat-trab:*
> *(a) sabiex tiġi limitata kwalunkwe generazzjoni ta' trab, waqt ix-xogħlijiet għandu jiġi mferrex ilma u, jew stabilizzanti ta' trab kimiku jew xi teknika oħra xierqa li tikkontrolla l-ħruġ ta' trab mis-sit;*
> *(b) kuljum, qabel jitlaq minn fuq s-sit, il-klijent għandu jnaddaf kwalunkwe tixrid relatat ma' xogħol li seta' waqa minħabba x-xogħol mill-passaġġ pubbliku quddiem s-sit;*
> *(ċ) kuljum, qabel jitlaq minn fuq s-sit, il-klijent għandu jiżgura li jinkinsu jew jiġu mnaddfa bil-vacuum il-bankini, toroq u żoni pubbliċi sa għaxar (10) metri 'l bogħod minn kull naħa tas-sit; u*
> *(d) għandu jiġi evitat li tinqix ta' żebgħa, fdal minn xkatlar, grit u trab jiġi f'kuntatt ma' ilma tax-xita u fejn jinġabar l-ilma.*
>
> *Xkatlar.*
> *3. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi oħra, kwalunkwe persuna li tkun ser tixkatla, kemm jekk manwalment kemm b'xi makkinarju, għandha tiżgura li l-ħruġ ta' trab ikun kontrollat permezz ta' tagħmir fuq it-tagħmir mekkaniku kollu b'sistemi ta' estrazzjoni u rkupru ta' trab, flimkien ma':*
> *(a) għal żoni fuq barra, iż-żona kollha tax-xogħol għandha tingħalaq totalment b'materjal li jimblokka l-ħruġ ta' trab jew xi bċejjeċ oħra fl-ambjent tal-madwar;*

(b) għal żona fuq ġewwa, l-aperturi esterni kollha għandhom jingħalqu b'materjal impermeabbli qabel ma jibda kwalunkwe xogħol ta' xkatlar sabiex jimblokka l-ħruġ ta' trab.

Mis-surreferit jirrizulta ulterjorment car li l-gheluq tal-aperturi, kif mitlub mill-Awtorita`, huwa fil-fatt mehtieg biss f'cirkostanzi ta' xoghol partikulari bhalma huwa l-ixkatlar fuq barra jew fuq gewwa skont ir-Reg 3 hawn fuq appena citat. Dan huwa xoghol li, madanakollu, ma giex nutat fuq is-sit tant illi r-rapprezentant tal-Awtorita` jistqarr li lanqas nies ma ra hemm u lanqas ma ra trab hiereg mis-sit. F' cirkostanzi bhal dawn, it-Tribunal isibha difficli jifhem il-logika wara l-hrug ta' penali allegatament rizultat ta' aperturi miftuhin (fejn suppost qed isir xoghol bi trab), skont ma jixhed l-istess rapprezentant tal-Awtorita`, proprju fin-nuqqas ta' prova ta' xoghol bi trab fuq is-sit.

Illi ghaldaqstant, tenut kont tas-surreferit, ghandu ragun l-appellanti meta jikkontendi li ma kienx qed jigi generat ebda trab fid-data in kwistjoni li seta' jinnecessita l-intervent mehtieg mill-Awtorita` u l-hrug tal-penali relattiva. Ghalhekk ukoll avut rigward ghas-surreferit, lanqas ma jista' jinghad li l-agir lamentat mill-Awtorita` u li wassal ghall-hrug tal-penali (konsistenti esklussivament minn aperturi miftuhin) jista' jammonta ghal xi ksur tal-LS 623.08 fin-nuqqas ta' prova ta' xoghol ta' xkatlar fuq is-sit jew xoghol iehor li jiggenera trab.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, qiegħed jilqa' l-appell u kwindi jirrevoka d-decizjoni moghtija fl-24 ta' Settembru, 2024.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sersero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru